## Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu`
## Mitt Sena Ikkonsagrata

# *Il-Ħolma ta' Saċerdot Twajjeb li Saret Realta`*

Kav. Joseph Said O.S.J.

Il-ġurnata tat-22 ta' Mejju ta' din is-sena kienet ġurnata partikolari għal parroċċa tan-Nadur. F'dan il-jum tfakkar għeluq il-mitt sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu`. Din il-knisja, taf il-bidu tagħha minn ħolma li kellu s-saċerdot twajjeb Dun Ġużepp Vella. Dun Ġużepp kien bniedem devot kbir tal-Ewkaristija u f'ħajtu kellu xewqa kbira li fin-Nadur jara knisja oħra li tkun għall-użu tal-adorazzjoni perpetwa. Din ix-xewqa b'ħafna taħbit Dun Ġużepp rnexxielu iwettaqha, u llum wara aktar minn mitt sena din l-inizzjativa spiritwali għadha ħajja.




*Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` fl-ewwel snin tagħha. Ritratt meħud qrib is-sena 1910.*

### Is-Saċerdot Dun Ġużepp Vella

Dun Ġużepp Vella twieled fin-Nadur fis-16 ta' Novembru 1854, bin Mikiel u Anġela mwielda Curmi. Kien it-tieni wild minn disa` t'aħwa. Fl-istess ġurnata tat-twelid tiegħu huwa ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali tan-Nadur mill-Kappillan Dun Ġwann Battista Grech.

Ta' tfajjel żgħir, irċieva is-Sagrament tal-Griżma mill-Isqof Pace Forno fis-16 ta' Frar 1858, meta kien għad kellu biss erba` snin. Huwa daħal fl-iskola tal-gvern fin-Nadur u wara li spiċċa il-primarja daħal fis-Seminarju, u baqa' hemm sakemm ġie ordnat saċerdot fil-15 ta' Ġunju 1878, fil-Katidral t'Għawdex mill-Isqof Pietru Pace, wara li kien ħa d-dispensa minn Ruma, billi ta' 24 sena kien għadu taħt l-eta'.

Dun Ġużepp Vella kien il-fundatur tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu`; 'il-ħolma ta' ħajtu'. Bi flusu u minn flus oħra li kien irnexxielu jakkwista mingħand il-familja tiegħu u benefatturi oħra, huwa bena din il-knisja, imma d-destin ma kienx ħallih jaraha lesta għaliex fi ftit żmien wara l-bidu tal-bini ta' din il-knisja huwa ħalla dan il-wied tad-dmugħ .

Imma l-bniedem twajjeb ma jmut qatt, u l-anqas jintesa. Nistgħu ngħidu li Dun Ġużepp għadu ħaj permezz ta' din il-knisja li ħallielna. Dun Ġużepp kien saċerdot ta' sagrifiċċju u talb. Huwa għex ħajja eżemplari mimlija b'karita kbira. Matul il-ħajja saċerdotali tiegħu huwa kien ukoll Direttur Spiritwali tas-Sorijiet Franġiskani fil-Qala.

### Il-Bniedem ta' Ħajja Qaddisa

Għal Dun Ġużepp Alla u l-Ewkaristija kienu għalih l-uniku oġġett tal-ħsieb tiegħu. U dan il-ħsieb kompla anke wara mewtu. Mit-tfulija tiegħu beda juri devozzjoni speċjali lejn l-Ewkaristija Mqaddsa. Mera ta' dan hi l-knisja li bena biex dejjem tfakkarna fid-devozzjoni kbira li kellu lejn dan is-Sagrament. Dun Ġużepp dejjem kien saċerdot sottomess għal kollox lejn l-Awtoritajiet tal-knisja li fihom kien jara r-rieda t'Alla.

Kienet l-għaxqa tiegħu jitlob u jlaqqa` n-nies biex jitolbu miegħu ta' kull filgħaxija, waqt li kien jgħasses il-progress tal-bini tal-knisja, li kien ħolom biha wisq qabel, u li issa kien ċert li ser issir realta`. Huwa għex ħajja ta' talb, ta' meditazzjoni u xogħol, ta' silenzju u ubbidjenza. Dun Ġużepp kien is-saċerdot li dejjem qeda` id-doveri tiegħu bl-akbar reqqa u skruplu.

Il-missjoni li hu twieled għalija, iddedikaha għal ħajtu kollha. Il-knisja li kien qiegħed jibni kienet il-mimmi t'għajnejh. Hu bit-tagħlim u l-ħidma tiegħu kien ta' eżempju u ta' għajnuna lil ta' madwaru. Dun Ġużepp għex u ħadem biex ixerred il-kult lejn l-Ewkaristija.

Dwar il-lokalita` tal-kostruzzjoni tal-knisja, iż-żgħażugħ saċerdot Ġużeppi ma għażilx sit fejn seta` jibni l-knisja mill-propjeta` li l-familja tiegħu kellhom imxerrda man-Nadur, imma akkwista` lokalita`, qrib

ħafna kemm jista' jkun, biex ikun ftit passi l-bogħod mid-dar tal-abitazzjoni tiegħu. Dan għamlu biex ikun qrib mill-aktar, lejn Ġesu` Ewkaristiku, kemm mentalment kif ukoll fiżikament. Mhux ta' b'xejn li l-fdal mortali tiegħu llum jinsab midfun qrib Ġesu` fit-Tabernaklu f'din l-istess knisja li hu matul ħajtu tant ħadem għaliha.

Dun Ġużepp ta ħajtu u li kellu lill-poplu t'Alla. Għalkemm m'għadux magħna fil-persuna, ċertament hu qiegħed magħna fl-ispirtu. Huwa kien saċerdot umli u miġjub minn kull min kien jafu għall-ħlewwa u t-tjubija tiegħu. Kien sempliċi donnu tarbija. Bniedem li ma kienx jaf x'inhu ħażen, u din is-sempliċità ġie li xi darba ġabitu fl-inkwiet.

Jingħad minn dawk ta' madwaru li kellu ċaħda kbira tiegħu innifsu minn ġewwa kif ukoll minn barra, u dawk li kienu jgħixu qrib tiegħu jixhdu dan, u jiftakru it-tagħkis ta' ġismu matul il-ħajja qaddisa tiegħu. Kien jikkonforta lil niesu u lil kull min kien jersaq lejh fil-qrar. Il-kotba li kienu jimlew il-librerija tiegħu jirriflettu il-ħajja qaddisa li dan is-saċerdot twajjeb għex.

## Il-Bidu u l-Bini tal-Knisja

Wara li f'Jannar 1901 is-saċerdot Dun Ġużepp Vella kien akkwista l-art meħtieġa mingħand Salvu Portelli imsejħa bħala 'Tan-Nadur' fi Triq il-Knisja, fil-5 ta'Awwissu tal-istess sena huwa ressaq it-talba tiegħu quddiem l-Isqof t'Għawdex Mons. Ġiovanni Maria Camilleri biex tkun tista' tinbena l-knisja, liema talba ġiet approvata erba` t'jiem biss wara. Il-ġurnata tal-Ħadd 4 ta' Mejju 1902 tibqa' infakkara meta fiha f'ċerimonija żgħira imma sinijfikattiva tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' din il-knisja minn Mons Isqof Ġiovanni Maria Camilleri fil-preżenza tal-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri, Kapitlu tal-Kolleġġjata, Kleru tal-parroċċa u bosta parruċċani.

Ix-xogħol tal-bini mexa b'mod normali minkejja d-diffikultajiet li kienu jinqalgħu. Dan jidher ċar mill-pagamenti li kienu qed isiru minn ġimgħa għal ġimgħa. Dun Ġużepp kellu bżonn ħafna fondi biex iwettaq dan il-proġett. Hu kien isib għajnuna minn bosta benefatturi kif ukoll għajnuna oħra minn missieru Mikiel li kien jgħin mhux ftit biex jara din il-ħolma ta' ibnu titwettaq kompletament.

Bħal kull ħaġa oħra, id-diffikultajiet ma kinux jonqsu. Inċident li kien seħħ meta wieħed mill-bennejja waqa' għal isfel meta l-bini ta' din il-knisja kien wasal 'l fuq mill-gwerniċun fejn Dun Ġużepp kien preżenti, tefa' lil dan is-saċerdot twajjeb f'ħasda kbira li waslitu għal mewt wara ftit xhur. Dun Ġużepp wara din il-qagħta baqa' sejjer lura u miet f'eta` ta' kważi 52 sena fis-17 ta' Ġunju 1906 bix-xorti li ma' kellux jara il-ħolma ta' ħajtu imwettqa. Wara l-mewt tiegħu x-xogħol tal-bini tkompla u ħadu f'idejh ħuħ Ġanni li flimkien ma' ħutu l-oħra kompla din il-ħidma fejn sa sena wara dan kien lest.

## It-Tiżjin tal-Knisja minn ġewwa

Wara li x-xogħol tal-bini kien lest, kif kien jixraq l-aħwa Vella bdew ukoll iżejnu mill-aħjar li jistew din il-knisja minn ġewwa b'diversi opri artistiċi.

Il-pittur Giacomo D'Esposito fis-sena 1909 lesta għal din il-knisja l-kwadru titulari li juri l-Qalb ta' Ġesu`. F'din is-sena lesta ukoll dak ta' San Ġużepp li flimkien ma' kwadru ieħor dak tal-*Porto Salvo*, li tpitter snin qabel fis-sena 1898 minn Filippo Venuti f' din is-sena (1909) sabu posthom fuq l-altari laterali li kienu għadhom kif saru tal-irħam. Sena qabel, fis-sena 1908, kien inħadem ukoll l-altar maġġur. Ma' dawn l-opri fis-sena 1916, Prof. Lazzaro Pisani kien lesta għal fondijiet ta' bejn il-pilastri erba` kwadri oħra li jirrapreżentaw lil San Mikiel Arkanġlu, lil San Ġwann Battista, lil Santa Rita u lil Santa Tereża l-Kbira.

Din il-knisja hija ukoll mogħnija b'zokklatura tal-irħam mad-dawra tagħha kollha. Fiha insibu ukoll *Via Sagra* mill-isbaħ kif ukoll numru ta' statwi imdaqqsa ta' San Ġużepp, Sant Antnin, Ġesu` Nażżarenu, il-Madonna ta' Fatima, dik ta' Lourdes, ta' San Pankrazzju u tal-Qalb ta' Ġesu`. Iżda fost dawn kollha l-akbar opra importanti li wieħed isib f'din il-knisja, hi bla dubju ta' xejn il-pittura tas-saqaf u l-koppla, xogħol l-artist magħruf Ġużeppi Briffa li saret fis-snin ħamsin. Hawn naraw koppla mill-isbaħ li tirrapreżenta l-Kruċifissjoni, filwaqt li fil-lunetti naraw it-twaqqif tal-Ewkaristija, d-dehra ta' Ġesu` lill-Appostli fiċ-ċenaklu, id-dehra ta' Ġesu`



*Dun Ġużepp Vella*
*Fundatur tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu`.*



*Dettall mill-pittura tal-koppla.*

lil Santa Marija Alacoque u d-dehra ta' Ġesu` lil San Ġwann Eudes; saċerdot fundatur tal-Kongregazzjoni ta' Ġesu` u Marija. Fis-saqaf imbagħad naraw is-seba` sagramenti. Ma' din il-pittura insibu ukoll xogħol ieħor ta' skultura maħduma mill-artist diġa` magħruf dak iż-żmien man-Nadurin Francesco S. Sciortino li kompla jikkomplimenta s-sbuħija tas-saqaf u l-koppla ta' din il-knisja.

## Knisja ta' Tixrid ta' Bosta Grazzji Spiritwali

Il-ħidma biex din il-knisja tkun ċentru ta' devozjoni lejn il-Qalb ta' Ġesu` u l-Ewkaristija kienet waħda kbira. Hekk naraw li fis-sena 1911, l-ewwel rettur tagħha Dun Anton Falzon kien talab lil Isqof Giovanni Marija Camilleri l-approvazzjoni tat-twaqqif tas-Sodalita`



*Ġanni Vella*
*Ko-Fundatur u Benefattur.*

f'ġieħ il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu` f'din il-knisja. Ma' dan, biex l-imsebħin ta' din is-Sodalita` kif ukoll dawk id-devoti kollha li jiffrekwentaw din il-knisja ikollhom aktar merti spiritwali, ftit jiem wara l-approvazzjoni ta' din is-Sodalita`, fil-19 ta' Mejju 1911 il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` ġiet aggregata mal-Kongregazzjoni tas-Santissimu Sagrament imwaqqfa fil-Knisja ta' S.S. Andrea u Klawdju ġewwa Ruma. B'din ir-rabta b'approvazzjoni tas-Sede Appostolika, il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` bdiet tgawdi ukoll l-istess Indulġenzi Plenarji li wieħed jista' jikseb meta iżur din il-knisja fil-belt ta' Ruma. Ma' dawn il-grazzji li n-nisrani jistà jikseb minn din il-knisja hemm ukoll il-frott spiritwali mill-adorazzjoni perpetwa li sa mill-ftuħ ta' din il-knisja qatt ma' kienet nieqsa.

## Il-Konsagrazzjoni tal-Knisja Mitt Sena ilu

Bir-raġun, meta din il-knisja kienet lesta, l-familja Vella ħasbet biex twaqqaf fondazzjoni biex mill-beni miksuba tkun din tista` tħallas lir-Retturi u spejjeż oħra meħtieġa tagħha. Ma' dan ħasbet ukoll biex issir iċ-ċerimonja tal-Konsagrazzjoni tal-knisja. Il-ġurnata magħżula għal din l-okkażjoni kienet dik tal-Ħadd 22 ta'Mejju ta' mitt sena ilu; jum is-Solennita` tat-Trinita` Mqaddsa. Din iċ-ċerimonja kienet tmexxiet mill-Isqof Djoċesan Mons. Ġwanni Marija Camilleri. F'din l-okkażjoni kien sar it-tberik tat-tielet qanpiena ta' din il-knisja li ngħatat l-isem ta' *Maria Assunta* kif ukoll tal-altar maġġur. Kien sar ukoll id-diskors tal-okkażjoni minn Mons Alfons Hili fil-preżenza tal-Koġitur Arċipriet il-Kan. Też. Dun Martin Camilleri fl-assenza tal-Arċipriet Kan. Dun Ġwann Camilleri. Il-perjodiku ta' dak iż-żmien *'Id-Devot ta' Marija'* kien ta prominenza lil din il-ġrajja u jsemmi kif għaliha kienu attendew numru kbir ta' nies minn Nadur kif ukoll bosta devoti oħra mill-irħula tal-qrib.

Illum mitt sena wara aħna in-Nadurin tal-lum, flimkien ma' ħafna oħrajn, minkejja kull bidla taż-żmien, ix-xewqa tas-saċerdot twajjeb Dun Ġużepp għadna qed inżommuha dejjem ħajja. Kienet xewqa li minkejja ħafna diffikultajiet li sabet, irnexxiet u ħalliet il-frott. Illum il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` fin-Nadur hija mhux ħlief ċentru ta' qima u devozzjoni lejn l-Ewkaristija. Jixraq għalhekk f'dan l-anniversarju li nroddu apprezzament kbir lil ħidma ta' dan is-saċerdot kif ukoll ħajr lil benefatturi ta' kull żmien. Ma' dan ukoll inroddu l-ħajr tagħna lil Alla ta' l-għotja kbira ta' dan is-saċerdot lill-parroċċa tagħna li ddedika ħajtu lejn Ġesu` fl-Ewkaristija.

Referenzi:

*Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu`* - Dun Duminku Camilleri. Pubblikazzjoni Viġilant Nru. 10 – Ġunju 2001.

Ktejjeb: *Għeluq il-Mitt Sena mill-Mewt ta' Dun Ġużepp Vella* – Artiklu 'Dun Ġużepp Vella il-qassis tal-Ewkaristija' - Joseph Said. Pubblikazzjoni Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` - Ġunju 2006.



*Il-Knisja tal-Qalb ta' Ġesu` minn ġewwa.*
*Ritratt meħud fl-ewwel snin tal-ftuħ tagħha.*